MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 239/2007

**Anglu Xerri Limited (C17558)**

**vs**

**L.V. Resort Catering Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjeta' attrici fit-2 ta' Marzu, 2007, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi s-socjeta attrici forniet lis-socjeta konvenuta diversi prodotti bhal bajd, preserves, haxix u oggetti ohra f'diversi okkazjonijiet u dejjem fuq l-ordni tal-istess socjeta konvenuta;

Illi l-kont ghal dan ix-xoghol illum telgha ghal ghaxart elef erba mija u seba u tletin lira u tnejn u disghin cenzmu u

tlett millezmi (LM10,437.92c) u dan kif jirrizulta mill-anness prospett anness u markat Dok A;

Illi s-socjeta intimata giet interpellata diversi drabi mis-socjeta attrici sabiex tersaq ghal dan il-hlas izda baqghet inadempjenti;

Illi l-ammont ghadu dovut u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

Tikkundanna lill-istess socjeta konvenuta li thallas s-somma ta' ghaxart elef erba mija u tlieta u sebghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu u tlett millezmi (LM10,437.92c3);

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' dan ir-rikors inkluz tal-mandat ta' sekwestru numru 281/07 kontra s-socjeta konvenuta li minn issa hija ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta risposta guramentata u b'hekk baqghet kontumaci;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi waqt is-seduta tal-14 ta' Lulju, 2009 Mario Scerri ikkonferma bil-gurament illi l-ammont imsemmi fir-rikors guramentat ghadu dovut;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta, tiddeciedi billi tilqa talba attrici, kif dedotti fir-rikors guramentat u hekk tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha u ghoxrin elf tlett mija u tlettax-il euro u wiehed u tmenin centezmi (€24,313.81) ekwivalenti

ghal ghaxart elef erba mija u tlieta u sebghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu u tlett millezmi (LM10,437.92c3);

Bl-imghax legali kif mitlub u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------